**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 143/99</u>***

***Pulizija***
***Spettur Neil Harrison***
***v***
***Wayne John Cassar***

Illum 31 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess illegali semplici tad-droga amphetamina u traffikar ta' l-istess** u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-kapitolu 31 – rifferribilment ghall-11 ta' April 1998 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data.

Illi mill-kumpless tal-provi idelimja ruhu is-segwenti kwadru tal-fatti. Illi fil-perjodu inkriminat l-imputat xtara tmien pinnoli bil-hsieb li kienu ecstasy ghall-uzu tieghu personali. Illi huwa ikkonsma hamsa minnhom u biegh tlieta minnhom lil shabu peress li ddecieda li ma jkomplix jiehu minnhom.

Illi mill-ezamijiet forensici irrizulta li l-pilloli ma kienux ecstasy izda kienu is-sustanza amphetamina indikata fl-iskeda numru 2 tal-Kapitolu 31 u ghaldaqstant piena ta' prigunerija m'hijiex tassattiva.

Illi mill-premess jirrizultaw kemm ir-reat ta' Pussess illegali semplici ta' l-imsemmijja sustanza kif ukoll ir-reat tat-traffikar ta' l-istess.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi:

1. Il-fedina penali netta ta' l-imputat.
2. It-tip ta' sustanza involuta.
3. Il-kooperazzjoni li wera l-imputat mal-pulizija li tintitolah ghal diminuzzjoni fil-piena a tenur ta' l-art 29 tal-kap 101.
4. Ir-rapport favorevoli tal-probation officer minn fejn jirrizulta li llum il-gurnata wara li ghaddew kwazi 4 snin mid-data tal-komissjoni tad-delitti l-imputat jinsab re integrat tajjeb fis-socjeta.

In vista ta' dawn il-fatturi il-Qorti hija tal-fehema li ghandha timponi piena pekunjarja u mhux wahda kalcerarja.

Ghal dawn il-motivi issib l-imputat hati skond l-akkuzi u wara li rat l-art 17 tal-kap 9, ir-regolament 5 AL 22/85 tikkundannah **ghall-piena ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) multa**.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***